

Brussell, 27 ta' April 2018  
(OR. en)

8213/18

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2016/0381 (COD)**

---

**CODEC 604  
ENER 123  
ENV 242  
TRANS 159  
ECOFIN 348  
RECH 144  
IA 106**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: Abbozz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija (**I-ewwel qari**)  
- Adozzjoni tal-att leġislattiv

---

1. Fl-1 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq<sup>1</sup>, ibbażata fuq l-Artikolu 194(2) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-28 ta' Lulju 2017<sup>2</sup>. Il-Kumitat tar-Reġjuni ħareġ l-opinjoni tiegħu fit-12 ta' Ottubru 2017<sup>3</sup>.

---

<sup>1</sup> 15108/16.

<sup>2</sup> ĠU C 246, 28.7.2017, p. 48.

<sup>3</sup> ĠU C 342, 12.10.2017, p. 119.

3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fis-17 ta' April 2018. L-eżitu tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-qbil ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill<sup>4</sup>.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 4/18, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bid-delegazzjoni Kroata u dik tar-Renju Unit jastjenu u d-delegazzjoni Slovakka tivvota kontra;
  - jordna li fil-minuti ta' dik il-laqgħa jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jidhru fl-addendum għal din in-nota.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

<sup>4</sup> 8065/18.